22004D0002

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 2/2004

tas-6 ta' Frar 2004

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekiniċi, standards, ittestjat u ċertifikazzjoni) u l-Anness XIII (Trasport) mal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehin dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 106/2003 tas-26 ta' Settembru 2003 ([1]).

(2) L-Anness XIII mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 179/2003 tal-5 ta' Diċembru 2003 ([2]).

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/525/KE tat-18 ta' Lulju 2003 li tiddifferixxi d-data ta' l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/36/KE għal ċertu tagħmir ta' pressjoni trasportabbli ([3]) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

L-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu jkun emendat kif ġej:

Il-punt li ġej ikun inserit wara l-punt 6b (Direttiva tal-Kunsill 1999/36/EC) tal-Kapitolu VIII:

"6c. **32003 D 0525**: Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/525/KE tat-18 ta' Lulju 2003 li tiddiferixxi d-data ta' l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/36/KE għal ċertu tagħmir ta' pressjoni trasportabbli (ĠU L 183, tat-22.7.2003, p. 45)."

Artikolu 2

L-Anness XIII mal-Ftehim taż-ŻEE għandu jkun emendat kif ġej:

1. Il-punt 17g (Direttiva 2000/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) ikun innumerat mill-ġdid bħala l-punt 17h.

2. Il-punt li ġej ikun inserit wara l-punt 17f (Direttiva tal-Kunsill 1999/36/KE):

"17g. **32003 D 0525**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/525/KE tat-18 ta' Lulju 2003 li tiddifferixxi d-data ta' l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/36/KE għal ċertu tagħmir ta' pressjoni trasportabbli (ĠU L 183, tat-22.7.2003, p. 45)."

3. Il-punt li ġej ikun inserit wara l-punt 42c (Direttiva tal-Kunsill 1999/36/KE):

"42d. **32003 D 0525**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/525/KE tat-18 ta' Lulju 2003 li tiddifferixxi d-data ta' l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/36/KE għal ċertu tagħmir ta' pressjoni trasportabbli (ĠU L 183, tat-22.7.2003, p. 45)."

([1]) ĠU L 331, tat-18.12.2003, p. 16.
([2]) ĠU L 88, tal-25.3.2004, p. 59.
([3]) ĠU L 183, tat-22.7.2003, p. 45.

Artikolu 3

It-testi tad-Deċiżjoni 2003/525/KE fil-lingwi Islandiża u Norveġiża, li għandhom ikunu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-7 ta' Frar 2004, sakemm in-notifiki kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu ntgħamlu (ntbgħatu) lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE ma', il-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, fis-6 ta' Frar 2004.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND

(*) Ebda rekwiżiti kostituzzjonali m'huma indikati.